18 ta' Jannar, 1965

Imħallef:

**Onor. Prof. Joseph Henry Xuereb, LL.D.**

Carmelo Vassallo

*versus*

Joseph Grech

**Prova Orali — Prova miktuba.**

*Il-prova ta' ħaġa tista' ssir b'kull mod u fost ċirkostanzi oħrajn, il-ġurisprudenza tal-lum hija aktar liberali minn dik ta' qabel, peress li tippermetti prova orali biex wieħed jipprova li kien hemm xi raġuni speċjali għaliex xi ftehim, li ma jirriżultax miktub u jkun qed jiġi akkampat, ma ġiex inkiteb.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur talab li — premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni — l-konvenut jiġi kkundannat iħallsu s-somma ta' ħamsin lira (£50) kif obbliga ruħu li jagħmel in konnessjoni mat-trasferiment tal-private hire bus numru 2999. Bl-imgħax u bl-ispejjeż inkużi dawk tal-ittra uffiċjali taddisgħa u għoxrin (29) ta' Awissu, 1962.

OMISSIS:

Ikkunsidrat:

Illi l-kwistjoni bejn il-kontendenti kienet tkun waħda purament ta' fatt li kieku l-konvenut fin-nota tiegħu riferita ma qajjimx il-kwistjoni tal-prova orali fil-konfront tal-prova miktuba peress li din hi ta' natura legali. Fil-fatt din trid tif-tiehem fis-sens li ladarba l-ftehim bejn il-kontendenti sar bil-miktub (i.e. il-bejgħ ta' sehem minn char-a-banc) allura m'hix ammissibbli l-prova orali kontra dak li nkiteb.

Illi l-ġurisprudenza l-lum f'dana r-rigward hija aktar liberali minn qabel fis-sens li wieħed jiġi ammess f'każi, li qabel ma kienx, billi l-prova ta' ħaġa tista' ssir b'kull mod, u, fost ċirkostanzi oħrajn, tiġi ammessa prova orali biex wie-ħed jipprova li kien hemm xi raġuni speċjali għaliex xi ftehim, li ma jirriżultax miktub u jkun qed jiġi akkampat, ma jkunx inkiteb. Ma jkunx inopportun jingħad li n-neċessità kontro dikjarazzjoni bil-miktub m'hix kontemplata mill-liġi tagħna, kif fil-liġi, taljana, għall-liema jridu evidentement ispirati d-deċiżjonijiet li rrikjedew prova simili kontra l-prova bil-mik-tub.

Illi fil-każ preżenti l-Qorti ssib li kien hemm raġuni li għaliha ma jitniżżilx il-ftehim allegat mill-attur (salva l-prova ta' dana l-ftehim) u kwindi l-prova orali kienet ammissibbli, billi l-attur kien qed jagħmel l-istess negozju mal-konvenut u ma' Giuseppe Sciberras fil-waqt li l-ħlas tal-ħamsin lira (£50) in kwistjoni kien jippretendihom biss mingħand il-kon-venut bħala ħaġa "extra" mill-prezz qabel miftiehem ma' Sci-berras u kuġinuh (Sciberras ukoll li floku daħal il-konvenut) mentri li fil-kuntratt tniżżel, u kien naturali li jsir hekk, il-peress li japplika għaż-żewġ xerrejja flimkien. Naturalment kien ikun aħjar kieku saret xi riferenza speċjali għal dana l-ammont extra, però hawn l-attur jgħid li l-konvenut stess qallu li ma kienx hemm bżonn; salva l-verità o meno ta' dan.

jibqa' dejjem il-fatt li l-prova orali kienet ammissibbli u rriżultat meħtieġ meta wieħed mis-sensala kkonferma t-teżi attriċi li l-ħlas kellu jsir barra mill-kuntratt.

Illi kwantu għall-meritu tal-kawża, il-Qorti tħoss, wara eżami tax-xhieda kollha prodotti, li għandha taċċetta l-verżjoni ta' l-attur billi,

OMISSIS:

Għal dawna l-motivi:—

Tilqa' t-talba attriċi, bl-ispejjeż kontra l-konvenut.